Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 6 - L-ERBGĦA, 2 TA' SETTEMBRU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:03 sad-20:50.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku (sad-20:45) |
| | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Mandy Buhagiar | Kunsillier (Mis-19:20 sad-20:40) |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier (Mis-19:30 sat-20:20) |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Paul Bugeja | Kunsillier |
| | Stephen Cremona | Kunsillier |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier |
| | Simone Aquilina | Chairperson KAB |
| Assenti: | Rudy Dorekens | Ambaxxatur taż-żgħażagħ |

1. **APOLOĠIJI**

1.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri Bugeja, Cremona u Barbara kienu infurmawh li ma setgħux jattendu. Kopja tal-emails annessi f'A. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ kien infurmah li se jasal tard minħabba li kien xogħol u ċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv infurmatu li ma tistax tattendi.

2. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Tressqu l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Fuq proposta tal-Kunsillier Alfred Grima il-Kunsill qabel li japprova dawn l-emendi li ġejjin:

2.2.1. F'para. 2.7 ikunu nklużi wkoll l-ismijiet kif ivvutaw li huma eżatt bħal kif indikati li vvutaw f'para. 2.6

2.2.2. Jiżdied paragrafu wara 5.3 innumerat 5.3a. Dan il-paragrafu jaqra: *Il-Kunsillier A Grima semma li fil-preżent qed nużaw il-cold asphalt mingħajr m'għandna compactor. Is-Sindku wieġbet li l-cold asphalt qed jintuża biss biex jimtlew il-ħofor u mhux bħala wide re-surfacing.*

2.2.3. Jemenda l-ewwel sentenza ta' para 7.4 biex tiġi taqra: *Il-Kunsillier A Grima irrefera għal kont numru 634 fejn qal li kien żball li l-Kunsill telaq id-devoluzzjoni għaliex kieku ma kienx jiġi dak il-kont.*

2.2.4. Fit-tielet sentenza ta' para. 9.13, eżatt wara l-kliem *Ivvutaw favur* tiddaħħal il-punteġġjatura virgola.

2.2.5. F'para. 12.2 it-tieni linja jiddaħħlu l-kliem *jipproponi li* bejn il-kelma *qed* u l-kelma *jaħdem.*

2.2.6. Para. 12.3 jiġi jaqra *Il-Kunsill qabel li jiddiskuti.*

2.3. Il-minuti kienu imbagħad approvati unanimament kif emendati. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE.

3. **PUNTI MILL-MINUTI**

3.1. Para 5.7 dwar xogħol ta' traqqiegħ bil-hot asphalt:- Il-Kunsillier A Grima staqsa jekk ġewx identifikati xi siti. Huwa appella li jkunu miksuba stimi qabel. Is-Sindku infurmat li talbet lill-Perit biex jiċċertifika l-materjal u x-xogħol li sar u jagħti parir dwar min għandu jġorr ir-responsabbiltà.

3.2. Para 6.8 dwar proġetti taħt il-programm b'fondi tal-UE *L-Ewropa għaċ-Ċittadini* is-Sindku infurmat li MEUSAC irrakkomandaw li jekk il-Kunsill kien fi ħsiebu japplika jkun aħjar jekk jimmira għall-applikazzjonijiet li jagħlqu fl-1 ta' Marzu 2016.

3.3. Para 7.2 dwar mistoqsijiet fuq xi pagamenti:- Il-Kunsillier A Grima talab li kull tabella li tinbidel għandna niċċekkjaw jekk għandiex il-permessi meħtieġa. Dan għaliex kien konvint li hemm numru ta' tabelli li huma bla permess. Il-Viċi Sindku sostna li jekk il-Kunsillier Grima jaf liema huma t-tabelli bla permess għandu jipprovdi lista tagħhom.

3.4. F'dan il-ħin waslet il-Kunsillier Buhagiar.

3.5. Mitlub jiċċara l-Kunsillier Grima sostna li kull tabella mhux koperta bil-permessi meħtieġa għandha tinqala'. Huwa semma marki fi Triq l-10 ta' Frar li jidhirlu li huma illegali.

3.6. Il-Kunsillier D Grima informa li huwa qiegħed jagħmel eżerċizzju biex iqabbel il-parkeġġi riservati ma' dawk skont il-lista ta' TM.

3.7. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta tal-Kunsillier A Grima.

3.8. Il-Kunsillier A Grima staqsa dwar il-kuntratt ma' Blues Ltd. Is-Sindku wieġbet li dwar dan qed nikkomunikaw mal-avukat.

3.9. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Piscopo.

3.10. Il-Kunsillier Tabone staqsa dwar il-Gym. Is-Sindku infurmat li dwar dan għadhom għaddejin bid-diskussjonijiet.

4. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA**

4.1. Is-Sindku infurmat li kienu waslu talbiet għal attivitajiet ta' wirja ta' karozzi klassiċi, f'Misraħ il-Bajja u ta' Cinema Day fit-12 ta' Settembru fejn kien hemm talba li t-triq ta' quddiem l-Empire Cinema tingħalaq bejn it-8am u d-9pm. Kien hemm qbil li għall-ewwel talba jinħarġu l-permessi neċessarji bħas-soltu, u għat-tieni talba jinħarġu l-permessi neċessarji wara li l-organizzaturi jipprovdu pjan ta' mmaninġġjar tat-traffiku aċċettabbli. Il-ħinijiet approvati huma bejn id-9am u l-4pm. Ninfurmaw dwar dan lil TM.

4.2. Is-Sindku infurmat li qed isiru diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Kura Primarja sabiex isiru taħdidiet dwar is-saħħa fil-Kunsill Lokali.

4.3. Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo tad-DLG numru 22/2015 dwar attivitajiet kulturali għal Diċembru. Hija infurmat li qed isir tentattiv biex issir applikazzjoni mill-Kunsill għal attività.

4.4. Il-Kunsill kien infurmat li l-moviment Hospice kien se jorganizza mixja fil-11 ta' Settembru f'San Pawl il-Baħar. Hija appellat lill-Kunsillieri biex jipparteċipaw.

4.5. Is-Sindku semmiet talba li kellha mingħand grupp tal-iscouts Baden Powell biex jibdew jużaw is-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku semmiet kif is-sala tal-Kunsill għandha tkun ukoll għall-użu tal-għaqdiet lokali kollha bla ħlas, kontra sett ta' regoli biex ikun hemm kontroll akbar. Il-Kunsill qabel.

4.6. Dwar l-iskema ta' arti f'postijiet pubbliċi s-Sindku infurmat li l-ġimgħa ta' qabel inżammu żewġ laqgħat ma' żewġ artisti interessati li japplikaw għal din l-iskema għal liema laqgħat kienu mistiedna l-kunsillieri kollha. Għal dawn il-laqgħat attendew is-Sindku, il-Kunsillieri D Grima u J Vella. Is-Sindku tat informazzjoni dwar iż-żewġ proposti u nfurmat li kien hemm qbil li l-Kunsill juri l-appoġġ tiegħu għaż-żewġ proposti.

4.7. Dwar il-ħarġa għal Għawdex il-Kunsillier Bezzina infurmat li kien hemm rispons tajjeb ħafna u li l-Kunsillieri kollha kienu mistiedna jingħaqdu f'din il-ħarġa.

4.8. Is-Sindku infurmat li ġiet infurmata li kienet waslet ir-riżenja tal-impjegat tal-Kunsill Jason Camilleri. Hija rringrazzjatu tas-servizz tiegħu filwaqt li infurmat li għal din ir-raġuni għandu jibda l-proċess għal impjieg ġdid. F'dan il-ħin, mozzjoni li kienet se titressaq mill-Kunsillier A Grima, f'ismu u f'isem il-Kunsillieri M Buhagiar, M Barbara, R Tabone, u S Cremona, ġiet irtirata.

4.9. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier D Grima biex jagħti rapport dwar l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-gabbana ta' fejn il-Ġnien Olimpiku. Il-Kunsillier Grima informa li kien iltaqa' mal-Kunsillier Bugeja u ħejja rapport. Il-Kunsillier A Grima sostna li, filwaqt li jaqbel li noqgħodu attenti għal applikazzjonijiet li jkollna, Kunsill preċedenti kien il-*mover* biex gabbana partikulari tingħata permess għal estensjoni illegali.

4.10. Bħala riżultat il-Kunsillier D Grima flimkien mal-Kunsillier Bugeja kienu qed jirrakkomandaw li:

4.10.1. Ċ-ċint li jdawwar il-ġnien m'għandux jintmiss, issir bankina u rampi għall-aċċessibilità.

4.10.2. Possibilment ma jintilfu l-ebda parkeġġi.

4.10.3. L-ebda struttura ta' natura permanenti m'għandha titħalla fis-sit ħlief għall-gabbana. It-tinda proposta għandha titneħħa mid-disinn u l-imwejjed u siġġijiet għandhom jitneħħew meta l-gabbana tkun magħluqa.

4.10.4. L-applikant għandu jneħħi b'mod immedjat miż-żona tal-gabbana kull apparat u għamara li għandu.

4.10.5. Jekk jingħata l-permess mill-MEPA m'għandu jkun hemm l-ebda apparat elettriku barra l-gabbana.

4.10.6. L-applikant għandu jinvesti mhux inqas minn €5,000 fil-lokalita' b'aċċenn lejn żoni ta' logħob tat-tfal skont kif jiddeċiedi l-Kunsill u li jieħu ħsieb il-ġnien li hemm wara l-gabbana.

4.11. Dwar dan kien hemm qbil unanimu ħlief fuq l-aħħar parti tal-kontribuzzjoni/investiment.

4.12. Dwar il-parti li ssemmi l-kontribuzzjoni/investiment ta' €5000 ittieħed vot. Ivvutaw favur: is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillieri Bezzina Vella u D Grima. Astjenew: il-Kunsillieri A Grima, Tabone, Buhagiar u Piscopo. Ma kien hemm l-ebda vot kontra.

4.13. Is-Sindku infurmat li l-Mid-Term Audit kien se jiswa lill-Kunsill €3500.

## 5. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI/SERVIZZI

5.1. Kienet ippreżentata l-lista ta' kontijiet pendenti.

5.2. Il-Kunsillier A Grima informa li huwa kien qiegħed joġġezzjona li jinxtraw boroż tal-*cold asphalt* jekk il-Kunsill ma jkollux *compactor*. Is-Sindku talbet li tinkiseb stima għax-xiri ta' *compactor.*

5.3. Il-Viċi Sindku staqsa dwar kontijiet għat-tindif tal-funtani. Il-Kunsillieri A Grima u Tabone ikkonfermaw li t-tindif qiegħed isir u kieku ma jsirx mill-ewwel jimtlew bil-ħaxix.

5.4. Il-lista ta' pagamenti imbagħad kienet approvata kif annessa f'B.

## *6.* SISTEMA TA' TRAFFIKU PROPOSTA F'KUNSILLI PREĊEDENTI

6.1. Kien hemm qbil li dan is-suġġett jitwaqqa'.

## 7. L-IRWOLI ASSENJATI LILL-KUNSILLIERI

7.1. Is-Sindku infurmat li kienet ilha tistenna lill-Kunsillier Buhagiar biex tikkonferma l-irwoli assenjati. Il-Kunsllier Buhagiar sostniet li hija xtaqet tinfurmaha fl-aħħar laqgħa iżda kellha titlaq minħabba impenji oħra.

7.2. Il-Kunsillier Buhagiar imbagħad ippreżentat u qrat stqarrija li hija annessa f'Ċ.

## 8. SEJĦA GĦALL-KWOTAZZJONIJIET GĦAT-TINDIF TAL-LATRINI

8.1. Is-Sindku infurmat li l-handyman li kien qiegħed jieħu ħsieb il-latrini kien informa kemm lill-Kunsillier Bugeja kif ukoll lill-Aġent SE li kien iddejjaq jagħmel dak ix-xogħol u talab li jieqaf. L-Aġent SE kien talbu biex ikompli ftit ieħor sakemm jinstab xi ħadd ieħor li jagħmel dak ix-xogħol. Il-handyman infatti kien aċċetta.

8.2. Għal dan il-għan tqabbad persuna oħra b'mod dirett filwaqt li se tkun ippublikata sejħa għall-kwotazzjonijiet u wara sejħa għall-offerti.

8.3. F’dan il-ħin il-Kunsillier Piscopo talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien it-20:20.

## 9. PROĠETT TAL-BANDLI FEJN L-ISKOLA

9.1. Is-Sindku infurmat li fondi totali tal-UIF hemm madwar €217,000, b’€70,000 minnhom li ser jiżdiedu għall-proġett tal-bandli. Il-Kunsillier A Grima talab rendikont tal-infiq fuq il-proġett kollu.

9.2. Kien hemm qbil li għandhom jinħarġu s-sejħiet għall-offerti għall-kumplament tal-proġett.

## 10. ATTIVITÀ TAL-CLEANUP

10.1. Il-Kunsillier D Grima informa li kien ikkordina attività ta’ *clean-up* li kienet idea tar-residenti u sidien ta’ *boathouses.*

10.2. Dwar dan huwa għamel arranġamenti u kiseb l-għajnuna mingħand il-kuntratturi tal-ġbir tal-iskart u tal-knis.

10.3. Is-Sindku u l-Kunsillier D Grima rringrazzjaw lil kull min ta kontribut għal din l-attivita’.

## 11. EVALWAZZJONI TAL-KARNIVAL TAS-SAJF

11.1. Is-Sindku bdiet billi rringrazzjat lill-Kunsillieri Vella u Fenech kif ukoll lill-impjegata tal-Kunsill Gloria Debono għall-impenn u sehem dirett tagħhom biex setgħet tkun organizzata din l-attività b’suċċess.

11.2. Hija kompliet li kien hemm żieda fir-rotot u żieda fil-pubbliku u li allura jixhed is-suċċess tal-attività.

11.3. Il-Kunsillier Fenech semmiet l-għajnuna li kien hemm mill-Pulizija u li b’riżultat ma kienx hemm problemi.

11.4. Kien hemm qbil biex għas-sena li ġejja l-Kunsill jara jekk għandux jintroduċi rotot ġodda.

## 12. TMIEM IL-LAQGĦA

12.1. Qabel ma ntemmet il-laqgħa tressqu dawn il-kummenti mingħand il-Kunsillieri:

12.1.1. **Ray Tabone:** Dwar il-proġett tal-Gvern Ċentrali tal-Veċċja informa li numbru ta’ karrijiet tad-dgħajjes qed jokkupaw u jimblukkaw l-ispazju. Informa li kien għalhekk li l-Kunsill kien ippjana Bye Law. Il-Kunsillier A Grima ħass li dan il-proġett kellu jitla’ quddiem il-Kunsill.

12.1.2. **Alfred Grima:** semma l-Bye Laws u jidhirlu li la darba ma kienx hemm risposta mid-DLG allura l-Kunsill kellu jqishom approvati.

12.1.3. Il-Kunsillier Grima talab lill-Kunsillier responsabbli biex jgħaddi informazzjoni dwar siti (plots) li m’humiex skont kif suppost.

12.1.4. Il-Kunsillier Grima staqsa dwar meta kien qiegħed jinfetaħ is-*sub-office.* Is-Sindku infurmat li qiegħed jinfetaħ it-Tlieta u l-Ħamis.

12.1.5. **Mandy Buhagiar:** Ippreżentat petizzjoni biex Triq San Geraldu tibqa fid-direzzjoni li hi fil-preżent.

12.1.6. **Joseph Vella:** informa li l-karozza tal-Kunsill għandha ħġieġa li ma tinżilx. Jidher ukoll li hemm xi ħsara minħabba li qed tagħti messaġġ kif tkun

mixgħula. Huwa staqsa jekk daħalx rapport fejn l-Aġent SE wieġeb fin-negattiv.

12.1.7. **David Thake (Viċi Sindku):** informa li qed jaħdem fuq skema bil-possibiltà ta' fondi mill-UE fuq idea oriġinali. Dwar dan informa li l-Kunsill kellu japplika biex ikollu PIC number biex permezz tiegħu ikun jista' japplika għall-fondi.

12.1.8. Il-Viċi Sindku informa li qed jaħdem ukoll fuq sistema tat-telefon li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Kunsill. Qed jippjana wkoll website li tkun interattiva u li eventwalment twassal għal applikazzjoni tal-mobile.

12.1.9. F'dan il-ħin il-Kunsillier Buhagiar talbet li tkun skużata. Il-ħin kien it-20:40.

12.1.10. Il-Kunsillier A Grima staqsa jekk kienx hemm possibiltà li dan isir b'fondi mill-UE. Il-Viċi Sindku informa li possibilment ikun proġett pilota. Il-Kunsillier A Grima offra l-għajnuna tiegħu f'dawn l-inizjattivi. Il-Viċi Sindku rringrazzjah tal-offerta tiegħu.

12.1.11. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku talab li jkun skużat. Il-ħin kien id-20:45.

12.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa s-7 ta' Ottubru 2015 fis-7pm.

12.3. Il-laqgħa intemmet fit-20:50.

| **Graziella Galea** | **Paul Gatt** |
|---|---|
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |